# Stqarrija għall-Istampa

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/PR/12/26

# L-inventarju C&L issa jinkludi t-tagħrif kollu dwar sustanzi perikolużi fis-suq tal-UE

## L-inventarju C&L issa jinkludi t-tagħrif kollu dwar sustanzi perikolużi fis-suq tal-UE

**Ħelsinki, 27 ta' Diċembru 2012 -** L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi aġġornat l-Inventarju tal-Klassifikazzjoni u Ttikkettar (C&L) b'tagħrif dwar sustanzi li n-notifikaturi indikawhom bħala mhux ikklassifikati. L-inventarju jinkludi wkoll in-notifiki għas-sustanzi EINECS.

B'dan l-aġġornament l-ECHA rnexxielha tieħu ħsieb it-tħassib tal-utenti li l-fatt li ma ġewx ippubblikati l-klassifikazzjoniiet kollha dwar ċerti sustanzi kkaġuna stampa ambigwa tas-sitwazzjoni. Issa l-Inventarju juri n-notifiki kollha għal sustanzi b'mill-inqas notifika waħda li tikklassifikahom bħala perikolużi skont l-Artikoli 119(1) tar-Regolament REACH. Barra dan, issa qed jingħataw ukoll in-notifiki kollha għas-sustanzi li jinsabu fl-Inventarju KE.

Bl-inklużjoni ta' kull informazzjoni nnotifikata għal kull sustanza ppubblikata, l-Aġenzija qiegħda tippromwovi iżjed trasparenza u kompletezza fl-informazzjoni tal-klassifikazzjoni. Biex tkompli tħaffef it-tisħiħ tal-klassifikazzjonijiet, bħalissa l-ECHA qiegħda tfassal pjattaforma ta' diskussjoni bbażata fuq il-web li għandha titnieda matul l-2013. Din għandha tħeġġeġ lill-Industrija tagħmel kull sforz possibbli biex tkun qrib kemm jista' jkun mal-entraturi maqbula meta tikklassifika s-sustanzi hija stess.

Il-verżjoni attwali tal-inventarju fiha madwar 5.3 miljun notifika rigward 120,000 sustanza. L-inventarju jinżamm mill-Aġenzija u d-dejta tinġab aġġornu b'mod regolari kull meta tasal informazzjoni ġdida jew isir xi aġġornament dwar is-C&L.

## Aktar informazzjoni

**L-Inventarju pubbliku C&L:**
http://echa.europa.eu/information-on-chemicals/cl-inventory

**Mistoqsijiet u tweġibiet dwar l-Inventarju pubbliku C&L:**
http://echa.europa.eu/support/faqs/q-a-on-the-public-cl-inventory

**Folja ta' Fatti dwar l-Inventarju pubbliku C&L:**
http://echa.europa.eu/documents/10162/13566/factsheet_public_classification_labeling_en.pdf